MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru. 897/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**

**Joseph Debrincat bin Joseph u Elizabeth nee' Fenech, imwieled fis-sebgha ta' Novembru 1951 u residenti Sinjorina, Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 72651G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH DEBRINCAT** bin Joseph u Elizabeth nee' Fenech, imwieled fis-sebgha ta' Novembru 1951 u residenti Sinjorina, Triq l-Imghallem, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 72651G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli bhala l-licenzjat ta' l-

istabbiliment Aurora Theatre li fih jinsab u jaghmel parti minnu d-Disco Excess/XS, Rabat, Ghawdex fil-hmistax [15] ta’ Ottubru 2006 naqas li jizgura li ma jidhlux persuni taht is-sittax il-sena fl-imsemmi Disco u dan meta kien hemm go l-istess disco fid-data msemmija, ghal habta ta’ u wara t-tmienja ta’ filghaxija [20:00pm] Patricia Farrugia imwielda nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 1991 u Antoniette Portelli imwielda nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 1991.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ PS 187 Mario Cassar, l-okkorrenza relattiva, z-zewg certifikati tat-twelid w ir-renewal notice mmarkat bhala dokument S.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li jaqblu li fil-hmistax ta’ Ottubru 2006 kien hemm tfal taht l-eta ta’ sittax il-sena fl-imsemmi stabbiliment u li jaqblu wkoll li fil-fond hemm substitute registrat mal-MTA kif wkoll li l-fond huwa licenzjat f’isem l-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi peress li mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 6(1) tal-Avviz Legali numru 124 tas-sena 1995 tiddikjara li **ma ssibx lil imputat JOSEPH DEBRINCAT hati taghha u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------